

# 125 SENA MIS-SEJĦA TAL-MADONNA TA' PINU

**Il-Knisja f'Malta din is-sena fakkret b'mod speċjali il-125 sena minn meta mill-kappella ddedikata lil Marija Mtellgħa s-Sema, magħrufa bħala Ta' Pinu, Karmni Grima semgħet leħen isejħilha u jistedinha għat-talb. DAVID VASSALLO jagħti ħarsa lejn dan l-anniversarju speċjali.**

## IL-ĠRAJJA

Kien nhar it-22 ta' Ġunju 1883, għall-ħabta ta' l-għaxra ta' filgħodu, meta Karmni Grima, xebba mill-Għarb, kienet sejra lura d-dar mill-għalqa. Kif kienet għaddejja minn qrib il-kappella tal-Madonna Ta' Pinu, semgħet leħen isejħilha u jgħidilha: "Ejja, ejja". Karmni tħawdet għax f'dak il-ħin ma kien jidher ħadd fl-għelieqi tal-qrib. Hi għamlet f'rasha li tibqa' miexja lejn id-dar, imma l-leħen misterjuż reġa' sejħilha: "Ejja. Ejja llum għax ma terġax iżżur dan il-post qabel sena oħra". Xi ftit beżagħna, hija mxiet lejn il-kappella, daħlet u bdiet titlob. F'dak il-waqt reġgħet semgħet l-istess leħen, donnu ġej mill-kwadru tal-Madonna, jgħidilha: "Għid tliet Ave Marijiet f'ġieħ it-tlett ijiem li ġismi dam fil-qabar". Karmni hekk għamlet u wara ftit tal-ħin irritornat lura lejn id-dar.

## L-ANNIVERSARJU

Għaddew 125 sena minn dik il-ġrajja. U proprju f'din l-okkażjoni, b'digriet maħruġ mill-Konferenza Episkopali Maltija, nhar it-22 ta' Ġunju ta' din is-sena, il-Knisja f'pajjiżna għamlet it-tifkira solenni tas-sejħa tal-Madonna Ta' Pinu. Għal dan il-għan, fil-knejjes kollha ta' Malta u Għawdex sar quddies speċjali b'liturġija apposta li torbot flimkien is-solennità ta' Marija Mtellgħa s-Sema mat-tifkira tal-Verġni Marija ta' Pinu. Kif wieħed jistenna, fis-Santwarju ta' Pinu fl-Għarb kien hemm programm sħiħ ta' attivitajiet li beda nhar l-4 ta' Ġunju bil-ftuħ ta' simposju marjan u laħaq il-qofol tiegħu nhar il-Ħadd 22 ta' Ġunju filgħodu b'pontifikal immexxi mill-Isqof t'Għawdex Mons. Mario Grech u pellegrinaġġ u pontifikal immexxija mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Pawl Cremona O.P. filgħaxija.

## IL-KWADRU TITULARI

Il-kwadru titulari u devot ta' dan is-Santwarju huwa l-istess wieħed li kien hemm fil-kappella żgħira magħrufa bħala Ta' Pinu f'dik l-għodwa ta' Ġunju ta' l-1883 li fiha Karmni Grima semgħet dak il-leħen. Dan il-kwadru, li juri lil Marija Mtellgħa s-Sema, tpitter fl-1619 mill-artist Amadeo Perugino u tħallas minn Pinu Gauċi li fl-istess żmien kien ħa ħsieb ukoll ir-restawr ta' l-istess kappella li ħadet l-isem tiegħu.